**Laqgħa Numru 18**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**12 ta' Novembru 2020**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Santa Katerina, Xewkija, Għawdex. Il-laqgħa bdiet fl-4.30 ta' wara nofsinhar.

---

PREŻENTI:

Hubert Saliba - Sindku

Paul Azzopardi - Viċi Sindku

Jeanelle Attard - Kunsilliera

Domenic Zerafa - Kunsillier

Johnny Vella - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard - Segretarju Eżekuttiv

**18.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

18.1.1 Ma kienx hemm ittri tal-apoloġija.

**18.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

18.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Nru 17 li saret nhar l-Erbgħa 7 t'Ottubru 2020 ġew approvati mill-membri tal-Kunsill preżenti u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju.

*Is-Sindku talab li tinbidel l-ordni tal-Aġenda biex item 18.5 tiġi diskussa qabel item 18.3.*

**18.5 Jum Ix-Xewkija**

18.5.1 Il-Kunsill fetaħ il-voti għall-Premju Ħidmet Iż-Żgħażagħ u Premju Ġieh Ix-Xewkija. Il-Premju Ħidmet Iż-Żgħażagħ intrebaħ mis-Sinjorina Amy Rapa. Il-membri tal-Kunsill ferrħu lil din iż-żagħżugħa li tati tant kontribut fir-raħal. Gużeppa Pace u Zakkarija Zammit Haver kienu ġabu l-aktar u l-istess għadd ta' voti għal Premju Ġieh Ix-Xewkija. Il-membri tal-Kunsill iddiskuttew u kien hemm qbil unanimu li kellha terġa' ssir votazzjoni bejn dawn iż-żewġ persuni. Kull min kien ħa sehem fil-votazzjoni kellu jiġi nfurmat biex jerġa' jivvota.

18.5.2 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard issuġerriet li għas-sena d-dieħla tajjeb li l-Kunsill jikkonsidra li jkunu jistgħu jivvutaw anke r-residenti u mhux biss l-għaqdiet. L-istess Kunsilliera reġgħet ġibdet l-attenzjoni li mal-isem ta' dawk nominatit tajjeb li titiniżżel *summary* għalfejn din il-persuna ġiet innominata biex b'hekk il-votanti jkunu nfurmati tajjeb fuq il-ħidma ta' dawk nominati. Il-Kunsillier Domenic Zerafa ssuġġerriexxa li anke jkun hemm ritratt ta' dawk nominati. Il-Kunsill iddiskutta li għandu jiġu kkonsidrat li l-votazzjoni tibda ssir *online* u tiġi evalwata mill-ġdid l-lista ta' għaqdiet li għandhom dritt jivvutaw.

18.5.3 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet jekk kinux se jingħataw ċertifikati għal dawk li gradwaw fis-sena preċedenti. Il-Kunsill iddiskutta li minħabba l-pandemija din l-*item* kienet se tinqabeż mill-programm ta' Jum Ix-Xewkija dis-sena. Il-Kunsill qabel li bħas-snin l-imgħoddija jingħataw rigali edukattivi fl-okażżjoni ta' Jum Ix-Xewkija lit-tfal tal-Primarja.

18.5.3 Il-Kunsill iddiskuta t-talba mill-Kap tal-Iskola għall-kolloborazzjoni fil-proġett relatat ma' Jum Ix-Xewkija fejn l-istudenti kien se jkollhom iċ-ċans li jsiru jafu aktar fuq ir-raħal. Il-membri tal-Kunsill unanimament qablu li l-Kunsill għandu jikkoloborra f'dan il-proġett ambizzjuż.

18.5.4 Is-Sindku u l-Kunsilliera ddiskuttew it-talba għall-kolloborazzjoni fit-tournament li bħas-snin l-imgħoddija jittella' fl-okkażjoni ta' Jum Ix-Xewkija min-Nursery tax-Xewkija Tigers. Il-membri tal-Kunsill preżenti qablu li l-Kunsill kellu jikkoloborra f'dan l-avveniment.

**18.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

18.3.1 **Talba għan-No Objection mil-Leap** Is-Sindku spjega t-talba mid-Direttur tal-Leap biex il-Kunsill jagħti n-no objection hekk kif kienu applikaw mal-PA biex jingħalaq il-kuritur bil-ħġieġ. Il-Kunsill iddiskutta li din it-talba kienet diġa' saret fil-passat u ġiet irrifjutata mill-PA. Il-membri tal-Kunsill ma qablux peress li jekk jingħalaq il-kuritur wieħed ma jkunx jista' jagħmel aktar użu mit-twieqi tal-librerija.

18.3.2 **Triq Il-Kbira** Is-Sindku għarraf lill-membri tal-Kunsill li kienet saret laqgħa fuq il-post dakinhar stess mal-kuntrattur fejn kien għarrfu li x-xogħol fuq din it-triq kien skedat li jibda fil-ġimgħat li ġejjin. Kellha ssir laqgħa oħra fejn barra l-kuntrattur kellhom ikunu preżenti l-Inġinier mill-WSC u l-perit fuq it-triq.

18.3.3 **Arblu mgħawweġ fi Triq Sant'Eliżabetta** Is-Sindku spjega li hemm arblu mgħawweġ li jagħmel sens li jinbidel hekk kif għaddej ix-xogħlijiet fuq l-istess triq. Il-Kunsill iddiskutta li dan ilu snin mgħawweġ u l-Kunsill qabel li dan għandu jinbidel u għandu jeħel fit-tarf tal-bankina u f'post aħjar milli hu.

18.3.4 **Post ta' Defibrillator** Is-Sindku spjega li issa li l-Kunsill kien ingħata dan l-apparat tant utli li jista' jsalva ħajja, l-Kunsill kellu jsib posta adakwat fejn jiġi installat biex ikun jista' jintlaħaq mill-pubbliku inġenerali. Fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku, il-membru tal-Kunsill qablu li dan kellu jiġi nstallat fuq ġewwa tal-latrina. Is-Sindku spjega ukoll li kienu kellmuh tal-ERRC li kienu se jagħtu defibrillator ieħor. Il-Kunsill qabel li kien xieraq li dan eventwalment jiġi nstallat fl-inħawi tal-Barmil.

18.3.5 **Virtual Reality Kit** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li din il-kit għal-librerija kien wasal.

18.3.6 **Sejħa offerta kiri ta' garaxx.** Is-Sindku kkomunika li s-sejħa għall-offerti biex jinkera garaxx kellha toħroġ mill-ġdid hekk ħadd ma kien tefa' l-offerta.

18.3.7 **Talba għal żieda fil-bejjiegħa tal-monti** Is-Sindku spjega li kontinwament il-Kunsill qed jirċievi talbiet biex aktar bejjiegħa jarmaw fuq il-monti. Il-Kunsill iddiskutta u qabel li hekk kif il-Kunsill kien qiegħed fil-proċess biex jirregolarizza dan il-monti jaqbel li ma jiżdidux bejjiegħa oħra qabel dan il-proċess ikun finalizzat.

18.3.8 **Measure 4.4** Is-Sindku spjega li kien hemm *savings* sostanzjarji wara li sar iċ-ċertifikazzjoni tax-xogħol fuq il-ħitan tas-sejjieħ mill-Perit fit-toroq Tal-Ħorob, Tas-Salvatur u Tas-Salib. Is-Sindku spjega li kienet se tintalab estensjoni biex il-Kunsill ikun jista japplikka biex isiru ħitan oħra. Il-Kunsill iddiskutta li kellhom isiru stimi fuq ħitan tas-sejjieħ fi trejqa faċċatta tal-korsa taż-żwiemel li tieħu għal Ta' Bordin u fejn il-Wasteserv biex tkompli ma' fejn saru ħitan tas-sejjieħ mill-Kunsill t'Għajnsielem fejn hemm il-Ġnien taż-Żebbuġ.

18.3.9 **Maskli tal-Kunsill** Is-Sindku ssuġġerriexxa li l-Kunsill jkollu maskli għall-membri u l-ħaddiema tal-Kunsill bl-arma tal-Kunsill. Il-membri preżenti qablu ma' dan.

18.3.10 **Gaudos Half Marathon** Is-Sindku spjega li kien intalab mill-organizzaturi li din isir fil-Kunċizzjoni fejn il-maratona kellha tibda u tispiċċa fil-korsa taż-żwiemel. Il-Viċi

Sindku talab li l-Kunsill għandu jara li jkun hemm l-approvazzjoni mill-Awtorita' tas-Saħħa qabel ma jikkometti ruħu biex jikkoloborra fl-avveniment. Il-membri preżenti tal-Kunsill qablu ma' dan.

## 18.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

18.4.1 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet dwar meta kienet ser titlesta Triq Sant'Eliżabetta u jekk il-Kunsill kienx qed imexxi bil-multi kif kien diskuss fil-laqgħa tal-Kunsill. Is-Sindku spjega li dan ma kienx il-każ minħabba xogħol tal-bankini u drenaġġ mingħajr mistenni mill-ħaddiema tal-Ministeru li ma kinux inklużi fit-tender u li kienu tefgħu x-xogħol tar-resurfacing lura.

18.4.2 Il-Kunsillier Jeanelle Attard staqsiet jekk il-Kunsill kienx irċieva xi risposta fuq l-applikazzjoni sottomessa tal-Mobility Week. Is-Sindku spjega li s'issa l-Kunsill ma kien irċieva l-ebda korrispondenza.

18.4.3 Il-Viċi Sindku staqsa rigward meta kien se jsir il-*patching* f'toroq bħal Triq San Ġwann u Triq L-Indipendenza. Is-Sindku spjega li għandna niddentifikahom flimkient mal-Perit. Il-Viċi Sindku rrimarka ukoll li kien hemm tappiera fi Triq Il-Mitħna li niżlet u għaldaqstant kellna nibagħu l-Inġinier Camilleri tal-WSC imejl niġbdu l-attenzjoni fuqha. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li ż-zebra crossing ta' fejn il-mitħna kienet ġiet approvata minn TM biex titla' 'l fuq.

## 18.6 Il-Milied

18.6.1 Is-Sindku spjega li l-Kunsill kellu japplika taħt il-fond mill-Ministeru għal-kultura biex tintrema l-pjazza u Triq San Bert bid-dwal għall-Milied. Il-membri tal-Kunsill qablu. Is-Sindku ppreżenta d-disinn tad-dwal tal-Milied li dissinja hu stess. Id-disinn intgħoġob mill-membri tal-Kunsill. Is-Sindku wera l-wreaths li kellhom jitwaħħlu mal-fanali fil-pjazza.

18.6.2 Is-Sindku spjega li fuq inizjattiva tar-Reġjun se tiġi offruta ikla nhar il-Milied għal dawk li jinsabu waħedhom jew għaddejjin minn xi problemi fuq bażi reġjonali fejn l-ikla se titwassal fid-dar tagħhom. Il-Kunsill qabel li jsir avviż biex jitqassam f'kull residenza.

18.6.3 Is-Sindku spjega li hekk kif din is-sena ma kinitx ser isir il-ħarġa tajjeb li wieħed jikkonsidra jekk għandhomx jingħataw rigal lill-anzjanita' minn ċerta eta' 'il fuq. Il-membri tal-Kunsill iddiskuttew il-materja waqt li rrimarkaw li wieħed irid joqgħod attent minħabba l-pandemija.

*6.30pm Il-Kunsilliera Jeanelle Attard kienet skużata mil-laqgħa minħabba impenji personali.*

16.6.4 Is-Sindku kkomunika li xtaq isir girlanda kbira li tinħadem bil-kolloborazzjoni ta-għaqdiet tar-raħal li kienu kkoloboraw fil-Christmas Market is-sena li għaddiet. L-iskop kien li wieħed ikun jista' jieħu ritratt u jġib ir-Rotunda fuq wara. Il-membri tal-Kunsill iddiskuttew li minħabba l-Covid wieħed kellu joqgħod attenta. Għalhekk kien deċiż li għal dis-sena ma ssirx.

## 18.7 Triq Tal-Ġidi

18.7.1 Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien irċieva kont minn Gatt Tarmac għall-culvert li kien sar fi Triq Tal-Ġidi li jammonta għal fuq €34,294.45. Is-Sindku elenka li ma jħossx li din l-ispiża għandu jagħmel tajjeb għaliha l-Kunsill. Il-Viċi Sindku spjega li jidher li dan il-kont kien fuq xogħol ta' pajpijiet biex l-ilma ta' tlett kwarti minn Triq San Bert jmur għal Triq L-Imġarr. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard rrimarkat li la t-triq hi waħda ġdida s-servizzi kienu responsabilta' tal-Gvern Ċentrali. Il-Viċi s-Sindku spjega li bi qbil mal-Ministru ta' dak iż-żmien l-Kunsill kellu joħroġ €25,000 waqt li l-Ministeru kellu joħroġ il-€25,000 'l oħra biex isir il-culvert fi Triq San Bert. Eventwalment meta sar dan ix-xogħol fuq Triq San Bert kien baqa' l-aħħar parti ta' Triq San Bert u li kien hemm ħafna ilmenti fuqha u saret ukoll. B'hekk ġie konkluż kull ftehm li kien hemm bejn il-Ministeru t'Għawdex, dak iż-żmien il-Ministru Anton Refalo, kif ukoll mal-WSC rrappreżentat minn l-Inġinier Bundic u l-kuntrattur innifsu, s-Sur Mario Gatt. Il-Viċi Sindku spjega li l-kont fuq xogħlijiet fi Triq Tal-Ġidi ġie rrifjutat kemm mill-WSC u anke mill-Ministeru t'Għawdex imma bħala Kunsill għandna kollox iswed fuq abjad li dan ix-xogħol fuq Triq Tal-Ġidi qatt ma ġie diskuss mal-Kunsill. Is-Segretarju kkonfermat li l-Viċi Sindku dejjem sostna li l-Kunsill ma kellux jaqsam ma'dan ix-xogħol u li *work order* ma kinitx ħarġet mill-Kunsill. Il-Viċi Sindku rrimarka li dan il-culvert kien għadu jrid jiġi magħqud ma' ta' Triq L-Imġarr.

## 18.8 Triq San Bert

18.8.1 Is-Sindku spjega li jixtieq li jsir eżerċizzju biex isiru fanali f'din it-triq simili għal dawk li saru riċentament fix-Xagħra. It-triq hi l-isbaħ triq fir-raħal u hi waħda mudlama ħafna. Is-Sindku elenka li l-fanali jistgħu jsiru anke mal-ħajt u l-proġett jista' jkopri ukoll li jsiru l-bankini mill-ġdid. Il-membri tal-Kunsill iddiskutta li kellu jqajjem il-materja fil-laqgħa mal-Ministru għal Għawdex fil-laqgħa skedata għat-Tnejn 16 ta' Novembru 2020. Il-Kunsill kellu jiċċekja mal-inġinier biex jieħu stima ta' kemm jiġi jiswa' dan l-istudju.

## 18.9 Ħruġ ta' Tender-Measure 4.4- Triq tal-Loġġa

18.9.1 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li s-sejħa għall-offerti fuq il-proġett tal-ħitan tas-sejjieħ f'Tal-Loġġa kellha toħroġ fil-ġimgħat li ġejjin.

## 18.10 Talbiet għall-bozoz ġodda

18.10.1 Talba għal-bozza f'Daħla Toni Camilleri minn resident li ma joqgħodx fis-sqaq. Il-Kusilliera Jeanelle Attard spjegat li tixraq bozza pero' l-Kunsill irid iġib il-kunsens mir-residenti fejn qed tiġi ssuġġerieta l-bozza. Is-Sindku ssuġġerriexxa li jsir fanal fl-isqaq peress li jixraq aktar mal-ambjent tal-isqaq. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ġibdet l-

attenzjoni li dan l-isqaq kien maħsub li jinfetaħ fi triq. Is-Segretarju ħadet nota biex tieħu ħsieb tkellem lir-residenti biex tara jekk isibux oġezzjoni biex isir fanal mar-residenza tagħhom. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard issuġġerriet li ssir bozza anke fi sqaq *parallel* ma' Daħla Toni Camilleri fejn tixraq bozza. Il-membri tal-Kunsill qablu ma' Kien deċiż li nitkellmu mar-residenti biex wieħed jara jekk isibux oġeżżjoni biex isir bozza mar-residenza tagħhom.

18.10.2 Is-segretarju spjegat li kienu ntalbu żewġ bozoz mill-JCR fi Triq Tal-Gruwa. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard irrimarkat li dik in-naħa ma kinitx daqshekk mudluma imma aktar kien hemm bżonn bozza fejn l-aħħar postijiet. Il-Kunsill qabel li kellu jmexxi b'installazzjoni ta' bozza waħda u wieħed jara minn hemm.

18.10.3 Il-Kunsill iddiskutta t-talba għal bozza fi Triq Tas-Salib waqt li ġiet ippreżentata l-istima biex isir din il-bozza hekk kif riedet anke issir trinka. Il-membri tal-Kunsill qablu li l-Kunsill kellu jerġa' jiċċekja mal-kuntrattur u mal-Enemalta biex jara jekk hemmx alternattiva biex isir il-bozza mingħajr ma jsir it-trenching trenching peress li l-istima kienet waħda sotstanzjarja u anke biex ma tintmessx it-triq li saret permezz tal-Fondi Ewropej.

18.10. Talba ghal shading ta' Bozza nur 477 li tinsab quddiem Blk 5, Plt 20 , Triq il-Hamrija. Il-Kunsill qabel li din ix-*shade* isir.

## 18.11 Rapport tal-Evawazzjoni- Screen tal-Pjazza

18.11.1 Il-membri tal-Kunsill preżenti unanimament approvaw ir-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni fuq din l-offerta. Din l-offerta ntrebħet minn 2CeeMedia Ltd.

18.11.2 Is-Sindku spjega li kif kien ser jitwaħħal dan l-iscreen mal-latrina kien xieraq li jsir manitenzjoni fuq il-latrina. Il-membri preżenti qablu ma' dan is-suġġeriment.

## 18.12 Korrispondenza u Ilmenti

18.12.1 08/10/2020 Korrispondenza minghand l-Ansek dwar email li ntbaghtet minn Sa.Silvana Agius dwar laqghat tal-Kunsill u din giet ifforwerdjata lis-Sindku u Kunsilliera.

18.12.2 2/10/2020 Korrispondenza minghand ESP biex infakkru Jum Dinji ghas-Sahha Mentali.

18.12.3 08/10/2020 Korrispondenza minghand il-Kunsilliea Jeanelle Attard lis-Segretarja Ezekuttiva biex tara kif bqajna fuq l-Assistenza mill-Kunsilli Lokali dwar Skejjel Primarji fil-Lokalita'.

18.12.4 13/10/2020 Korrispondenza minghand is-Segretarju Ezekuttiva dwar il-labra tal-influwenza lil Daniel Corso biex tara tistax tizdied xi gurnata ohra peress li l-Hadd ma nghatatx.

18.12.5 14/10/2020 Korrispondenza mingħand id-Direttur tal-Monitoring and Support fi ħdan id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali lis-Sindku u Segretarja Ezekuttiva dwar il-laqgha Nru 17 din giet mgħoddija lis-Sindku u Kunsilliera.

18.12.6 14/10/2020 Korrispondenza minghand Ms Silvana Agius lis-Segretarja Ezekuttiva dwar Aggornament kontra l-Influwenza lill-persuni li huma 'homebound'.

18.12.7 15/10/2020 Korrispondenza minghand il-Kap Skola Primarja Xewkija minn l-uzu terza persuna tal-librerija tax-Xewkija.

18.12.8 15/10/2020 Korrispondenza minghand is-Segretarja Ezekuttiva lill-Avukat dwar l-uzu ta' l-istory telling room fejn ifforwerdjat l-email li ntbaghtet mid-Dipartiment lill-Avukat.

18.12 .9 16/10/2020 Risposta minghand il-Vici Sindku ndirizzata lil Avukat biex jaghmel bye-law halli nkunu konformi mal-ligi.

18.12.10 16/10/2020 Il-Kunsillera Jeanelle Attard talbet ghall-laqga dwar dan b'urgenza mal-Avukat.

18.12 .11 16/10/2020 L-Avukat qabel li ssir laqga.

18.12.12 16/10/2020 Korrispondenza lis-Segretarji Ezekuttivi minghand id-Direttur Monitoring and Support dwar konnessjonijiet digitali tad-data pprovduti mill-Mita.

18.12.13 16/10/2020 Korrispondenza minghand l-Avukat tal-Kunsill dwar il-laqgha li ntalbet biex issir.

18.12.14 16/10/2020 Korrispondenza minghand is-Segretarja Ezekuttiva lill-Avukat tal-Kunsill dwar dan.

18.12.15 19/10/2020 Korrispondenza lill-Avukut tal-Kunsill minghand is-Sindku dwar il-kwistjoni tal-uzu tal-kamra tal-istory telling.

18.12.16 19/10/2020 Korrispondenza minghand dwar green walls and green roofs inizjattiva tal-Ministeru tal-Ambjent.

18.12.17 20/10/2020 Cir AKL 2020/117 Laqghat Regjonali u Kunsilli Lokali biex minn irid jaghmilhom On line.

18.12.18 20/10/2020 Cir AKL 2020/078 dwar kontroll fuq il-Hamiem selvagg.

18.12.19 20/10/2020 Cir AKL 2020/118 Skema ta' Thawwil ta' sigar f'zoni urbano fil-jjjjjjjjjjjjLokalita' mniedija mill-Ministeru ghat-Turizmu.

18.12.20 20 /10/2020 Cir AKL 2020/119 Minuti Laqgha AKL Nru 38.

18.12.21 21/10/2020 Cir AKL 2020/113 Sessjoni Informattiva Poloz tal-Assigurazzjoni u Sahha u Sigurta fuq il-Post tax-Xoghol.

18.12.22 23/10/2020 Korrispondenza minghand il-WasteServe dwar hinijiet ta' ftuh differenti tal-Kus Weighbridge.

18.12.23 23/10/2020 Cir AKL 2020/120 Applikazzjonijiet ghall-Progett Youth Say. Cultivating the Next Generation of Community Leaders.

18.12.24 23/10/2020 Invit- Celebrazzjoni Jum Ghawdex mibghuta mis-Segretarju Ezekuttiv tar-Regjun.

18.12.25 23/10/2020 Korrispondenza fuq Sit Ta' Triq Antonino Saliba, Xewkija dwar ksur tal-kontroll tal-ippjanar (kostruzzjoni ta' stalel u bdil fl-Uzu ta' Art Agrikola).

18.12.26 23/10/2020 Re Milied Solidali – Ghoti ta' Ikla tal-Milied ghall-persuni partikulari fil-Lokalita' korrispondenza mis-Segretarju Ezekuttiv tar-Regjun.

18.12.27 23/10/2020 Cir AKL 2020/121 President's Fun Walk 2020.

18.12.28 26/10/2020 Urbact Malta Newsletter 01/2020 on behalf of EU affairs at Local Government.

18.12.29 26/10/2020 Korrispondenza minghand is-Segretarja Ezekuttiva lis-Sindku u Kunsilliera applikazzjonijiet u regolamenti ta' Premju Gieh ix-Xewkija u Premju Hidmet iz-Zaghzagh.

18.12.30 26/10/2020 Korrispondenza dwar Capacity – building Session – Promotion of EU – funded Projects.

18.12.31 28/10/2020 Korrispondenza minghand id-Direttur tal-Head Office tal-Eco Directorate dwar skema ghall-Outdoors Gym Assistance Scheme.

18.12.32 28/10/2020 Cir AKL 2020/123 Tilqima tal-Influwenza – Avviz mill-Awtoritajiet tas-Sahha.

18.12.33 28/10/2020 Korrispondenza minghand is-Sur Joe Micallef dwar Gaudos K – Sunday 8$^{th}$ December.

18.12.34 29/10/2020 Korrispondenza minghand Ms Silvana Agius - Aggornament Nru 3. Tilqima kontra l-influwenza lill-persuni li huma 'homebound'.

18.12.35 30/10/2020 Cir AKL 2020/121 President's Fun Walk.

18.12.36 03/11/2020 Korrispondenza minghand Ms Rachel Ann Said fejn infurmat lis-Segretarja Ezekuttiva meta l-Ministru Ta' Ghawdex jista jiltaqa mal-membri tal-Kunsill.

18.12.37 03/11/2020 Korrispondenza lis-Sindku u Kunsilliera fejn infurmathom b'dan biex tara jekk hux tajba dik id-data ghalihom.

18.12.38 03/11/2020 Korripondenza mibghatha lis-Sindku u Kunsilliera minghand is-Segretarja Ezekuttiva dwar il-kwistjoni tal-Horob annessa hemm ittra tal-Av.Said li qed jikteb ghan-nom ta' Paul Portelli.

18.12.39 04/11/2020 Korrispondenza minghand is-Sur Joseph Vella Gauci fejn talab li jinghata ghajnuna biex l-faccata tal-Ufficcini tal-FSWS tigi rrangata.MT

18.12.40 06/11/2020 Cir AKL 2020/6/11/ Polza tal-Assigurazzjoni tas-Sahha 2021

18.12.41 06/11/2020 Planning MT Newsletter 36/20

18.12.42 06/11/2020 Korrispondenza minghand is-Segretarja Ezekuttiva lis-Sindku u Kunsilliera dwar il-ftuh tal-Kaxxi tal-voti tal-Premju Gieh ix-Xewkija u Premju z-Zaghzugh tas-Sena.

18.12.43 06/11/2020 Agenda Nru 18 flimkien mal-iskeda tal-pagamenti mibghuta lis-Sindku u Kunsilliera mis-Segretarja Ezekuttiva.

18.12.44 06/11/2020 Is-Segretarja Ezekuttiva baghatet l-ittra li baghat l-Avukat Mampalao lis-Sur Paul Portelli lis-Sindku u Kunsilliera.

18.12.45 06/11/2020 Cir 2020/126 Polza tal-Assigurazzjoni tas-Sahha 2021.

18.12.46 06/11/2020 Planning MT Newsletter 36/20.

18.12.47 09/11/2020 Korrispondenza minghand is-Segretarja Ezekuttiva fuq arblu biex jitranga waqt xoghol fuq il-bankini ta' Triq Santa Elizabetta wkoll giet mibghuta stima minghand Galea Curmi lis-Sindku u Kunsilliera.

18.12.48 09/11/2020 Cir AKL 2020/127 Webiner OHSA – Working Together for Risk Prevention.

18.12.49 10/11/2020 Korrispondenza minghand ix-Xewkija Nursery Tigers li qed jitlob sponsor ta' €800 ghall-attivitajiet ta' loghob ta' Jum ix-Xewkija.

18.12.50 Problema fi Triq il-Barriera ghax hemm xi karozzi bil-licenzja skaduta jkunu dejjem ipparkjati hemmhekk. Is-Segretarju spjegat li fuq dik l-area meta bagħtet lill-pulizija kienu nfurmawha li hemm art privata.

18.12.51 Ilment li hemm bicca ingenji tal-hadid fi Triq San Bert li qalu qed tisgombra t-Triq u ilha ghal hafna gimghat hemm.

18.12.52 Rega tressaq l-ilment biex issir bozza Triq is-Salib cemplu diversi drabi fuqha ghax din biex issir trid issir trinka li tinvolva amont ta' spejjez.

18.12.53 Talba biex tinqala' bankina u ssir mill-ġdid fi Triq San Ġwann Battista

18.12.54 Talba għal Double Yellow Line fi Triq Ħamsin minħabba li qed jingħalaq l-aċċess għal-garaxx u talba biex jinżabgħu l-linji sofor fi Triq Taċ-Ċnus. Il-Kunsill qabel li jsiru refreshing tal-linji sofor fir-raħal kollha.

18.12.55 Talba mis-Segretarju Eżekuttiv biex takkumula xi leave għas-sena li ġejja hekk kif mhux se tilħaq tieħu l-leave kollu. Il-membri preżenti ma sabu l-ebda oġezzjoni.

**18.13 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

18.13.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill li kienet intbagħtet mal-Aġenda għall-attenzjoni tal-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**18.14 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

18.14.1 Il-laqgħa ntemmet .Il-Kunsilliera preżenti unanimament qablu li s-seduta li jmiss għandha ssir nhar it-Tnejn 14 ta' Diċembru 2020 fl-4.30pm.

Konfermati, illum **14 ta' Diċembru 2020**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ___________________ | ______________________ |
| Hubert Saliba | Marion Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |